MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 181/2005

Avukat Peter Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera The Timberland Company
vs
Dr. Richard Sladden u l-P.L. Louisa Tufigno li b'digriet tal-20 ta' April 2005 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil Al Etehad Alaam Lalaab Alqwa

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ppremetta:

Peress illi l-attur nomine kien il-proprjetarju tad-drittijiet registrati bhala Trademarks ma' l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejjha 'TIMBERLAND' u 'Tree Logo', liema drittijiet kienu gew registrati l-ewwel darba fit-12 ta' Mejju 1997 u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok. TC 1 u TC 2);

Peress illi fl-ghaxra (10) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta kien dahal container bin-numru CGTU 2105987 fuq il-vapur CMA-CGM WAGNER liema container kien fih mitejn u sbatax (217)-il kaxxa tal-kartun u kull kaxxa kien fiha madwar ghoxrin (20) par zarbun kollha tal-marka TIMBERLAND kif ukoll tliet (3) kaxxi tal-kartun fejn kull kaxxa kien fiha hmistax (15)-il par zarbun ilkoll tal-marka TIMBERLAND, li l-attur nomine kien issuspetta li kienu foloz;

Peress illi mill-kampjuni li kienu ttiehdu mill-attur nomine rrizulta li z-zraben kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ The Timberland Company, u li l-imsemmija trademarks ta’ The Timberland Company riprodotti fuq kienu foloz (Dok. TC 3);

Peress illi l-attur nomine kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok. TC 4) sabiex a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa jipprocedi civilment ghal decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Peress illi din il-merkanzija kienet inqabdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana kien jaf li l-kunsinnjatarju tal-merkanzija kien AL ETEHAD ALAAM LALAAB ALQWA dan skond dak citat fil-Bill of Lading No. TJN108323 (Dok. TC 5);

L-attur nomine talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konsenja ta’ zraben tal-marki ‘TIMBERLAND’ u ‘Tree Logo’ misjuba fil-container numru CGTU 2105987 li kien wasal fil-Port Hieles, Marsaxlokk fuq il-vapur CMA CGM WAGNER, kienu foloz, u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tiddikjara li l-manufatturar u l-produzzjoni ta’ dawn z-zraben minn terzi persuni mhux maghrufa, illeda d-drittijiet ta’ l-attur nomine bhala proprjetarju registrat, skond il-Ligi, tal-marki ‘TIMBERLAND’ u ‘Tree Logo’;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u l-Pulizija Ezekuttiva jew min minnhom sabiex fil-prezenza ta’ l-attur nomine jew rapprezentanti tieghu, jiddistruggu a spejjez tal-konvenuti z-zraben foloz fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi interessi fuq id-depozitu necessarju sabiex il-merkanzija nzammet Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, l-ispejjez sabiex il-container u l-merkanzija nzammew mill-istess Dipartiment tad-Dwana, l-ispejjez dovuti in konnessjoni ma’ l-eliminazzjoni tal-merkanzija falza kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Richard Sladden et bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil Al Etehad Alaam Lalaab Alqwa li eccepew:

1. Illi preliminarjament, il-kuraturi deputati ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u rriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-assenti konvenut;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ried jigi pruvat illi l-affarijiet indikati fic-citazzjoni attrici kienu foloz;

3. Illi di piu`, stante li l-affarijiet indikati fic-citazzjoni attrici ma kienux destinati ghal Malta, l-attur nomine ma kienx seta’ jaqbadhom;

4. Illi l-affarijiet in kwistjoni tqeghdu u kienu gewwa zona hielsa;

5. Illi l-attur nomine ried jipprova li huwa l-proprjetarju tal-marka u li din kienet protetta u registrata f’Malta;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Peter Fenech u fih intqal li hu kien gie mahtur bhala mandatarju tas-socjeta` estera The Timberland Company sabiex jistitwixxi l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom. Semma li fuq istruzzjonijiet ta' The Timberland Company, u wara li kienet saret l-applikazzjoni lid-Dwana ta' Malta a termini ta' l-artikolu 6 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jinzammu taht il-kustodja taghha 217 kaxxa fejn kull kaxxa kien fiha madwar 20 par zarbun, kif wkoll 3 kaxxi fejn kull kaxxa kellha madwar 15 par zarbun, b'total ta' 4385 par zarbun kollha bil-markju 'Timberland' misjuba gol-container CGTU 2105987 fuq il-vapur CMA CGM WAGNER, kien talab lid-Dwana sabiex jinfurmawh bid-dettalji tal-konsenjatarju, il-container imsemmi u l-merkanzija maqbuda. Qal li fuq talba tieghu, id-Dwana tatu par zarbun ta' dawk maqbuda bhala kampjun u hu baghat lill-klijenti tieghu gewwa l-Ingilterra biex isiru l-ezamijiet necessarji dwar l-awtenticita` o meno taz-zraben. Kien gie konfermat lilu li z-zraben kollha kienu foloz u li ghalhekk it-trademark 'Timberland' u 'Tree Logo' kienu gew abbusivament uzati mill-konvenuti u terzi persuni mhux maghrufa. Qal li ghaldaqstant id-drittijiet intelletwali tal-klijent tieghu bhala l-proprjetarju registrat tat-trademark 'Timberland' u 'Tree Logo' kienu gew vjolati u ghalhekk ma kien hemm ebda triq ohra hlief li tinfetah il-kawza odjerna.

Gie prezentat affidavit ta' George Agius, Fizzjal tad-Dwana fis-sezzjoni ta' l-infurzar u fih intqal li l-container

CGTU 2105987 kien inhatt gewwa l-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM WAGNER fit-15 ta' Jannar 2005 u kien gie maghzul ghal kontroll fiziku tal-kontenut tieghu. Semma li skond il-polza ta' taghbija TJN 108323 tal-vjagg numru NXO84Wipprezentata mill-agent tal-vapur, CMA CGM (Malta), l-origini tal-container kienet ic-Cina u kien destinat ghal-Libja. Bhala kontenut kien iddikjarat li l-container fih 220 kaxxa zraben u dan kien gie mibghut minn TJN 0952 SHIENZEN NAAO IMPORT & EXPORT CO. LTD. filwaqt li l-konsenjatarji kienu indikati bhala AL ETEHAD ALAAM LALAAB ALQWA LIBJA. Semma li fl-20 ta' Jannar 2005 fil-prezenza ta' ufficjali ohra tad-Dwana u tar-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur u wara li s-sigilli kienu gew konfermati bhala intatti, il-container infetah u nstab li l-ewwel fillieri kienu jikkonsistu f'kaxxi bi zraben tal-markju 'Timberland', liema zraben dehru suspettuzi li kienu kontrafatti. Kienet ittiehdet id-decizjoni li l-container jinzamm ghal aktar investigazzjonijiet u wara li kienu gew elevati kampjonarji minnu dan kien rega' nghalaq u sigillat mid-Dwana u r-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur inghata rcevuta tal-container mizmum. Il-kampjunarji li kienu gew elevati kienu gew mghoddija lil Dr. Sarah Galea LL.D. ta' Ganado & Sammut Advocates bhala rapprezentanti legali tal-markju 'Timberland' u minn ezamijiet li kienu saru fuq il-kampjunarji kien irrizulta li z-zraben kienu kontrafatti. Il-kontenut kollu ta' gewwa l-container kien gie mahtut go wiehed mil-imhazen tad-Dwana fejn instab li l-kunsinna totali kienet ta' 217 kaxxa X 20 par zarbun 'Timberland', kif wkoll 3 kaxxi X 15 par zarbun 'Timberland', b'total ta' 4385 par zarbun bil-markju 'Timberland'. Qal li permezz ta' ittra datata 24 ta' Frar 2005 mibghuta minn Dr. Sarah Galea LL.D. kienu gew infurmati li kienet gie registrata kawza civili fil-Qrati Maltin kontra l-konsenjatarji tal-container imsemmi. Ikkonferma li l-konsenja ta' zraben 'Timberland' ghadha mizmuma mid-Dwana fl-imhazen taghha.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizuta li Dr. Peter Fenech huwa rapprezentant tas-socjeta` The Timberland Company u Tree Logo tal-Ingilterra ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-

marki taghhom gewwa Malta. Fl-10 ta' Jannar 2005 dahal gewwa l-Port Hieles container numru CGTU 2105987 fuq il-vapur CMA-CGM WAGNER u dan kien fih 217-il kaxxa tal-kartun biz-zraben tal-marka Timberland. Il-container kien intbaghat minn TJN 0952 SHIENZEN NAAO IMPORT & EXPORT CO. LTD. filwaqt li l-konsenjatarji kienu indikati bhala AL ETEHAD ALAAM LALAAB ALQWA LIBJA. Il-kumpanija attrici kienet talbet lid-dwana zzomm il-kunsenja u jibghatulhom sample biex dan jintbaghat l-Ingilterra biex jigi ezaminat. Instab li dawn iz-zraben kienu foloz u saret talba lill-Kontrollur tad-Dwana biex izomm il-merkanzija suspettata halli s-socjeta` attrici tiftah procedyri fil-Qrati ta' Malta. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Agius Fizzjal id-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar li semma li fil-15 ta' Jannar 2005 il-container inhatt u gie maghzul ghal kontroll fiziku tal-kontenut tieghu. Ikkonferma wkoll li ttiehed kampjun biex jigi analizzat. Provi mill-konvenuti ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 9 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Christina Morse, European Brand Protection Manager ma' Timberland UK Ltd., fejn fiha jinghad "The boots are counterfeit for the reasons given below…" u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Christina Morse u tal-ufficjal tad-Dwana George Agius u ta' Dr. Peter Fenech, il-Qorti tiddikjara li l-konsenja ta' zraben tal-marki 'TIMBERLAND' u 'Tree Logo' misjuba fil-container numru CGTU 2105987 li kien wasal fil-Port Hieles, Marsaxlokk fuq il-vapur CMA CGM WAGNER, kienu foloz.

Tiddikjara li l-manufatturar u l-produzzjoni ta' dawn z-zraben minn terzi persuni mhux maghrufa, illeda d-drittijiet ta' l-attur nomine bhala proprjetarju registrat, skond il-Ligi, tal-marki 'TIMBERLAND' u 'Tree Logo'.

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u l-Pulizija Ezekuttiva jew min minnhom sabiex fil-prezenza ta' l-attur nomine jew rapprezentanti tieghu, jiddistruggu a spejjez tal-konvenuti z-zraben, u dan fi zmien xahar mil-lum.

Bl-ispejjez, komprizi interessi fuq id-depozitu necessarju sabiex il-merkanzija nzammet Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, l-ispejjez sabiex il-container u l-merkanzija nzammew mill-istess Dipartiment tad-Dwana u l-ispejjez dovuti in konnessjoni ma’ l-eliminazzjoni tal-merkanzija falza kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------